# TRIBUNAL INDUSTRIALI

# Decizjoni Numru 1831

**Kaz Numru 2473DeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**John Sammut**

**u**

**Malta Freeport Terminals Limited u Freeport Terminal (Malta) plc.**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 5 ta' Dicembru 2007**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar is-26 ta' Marzu 2007.

**2. Rapprezentanza**

John Sammut, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien assistit mill-Avukati George Abela u Marvic Debarro.

Il-*Malta Freeport Terminals Limited* u *Freeport Terminal plc.* li minn issa 'l quddiem ser jissejhu l-kumpaniji intimati, kienu rrapprezentati minn John Portelli u Francis X. Azzopardi assistiti mill-Avukat Joe Zammit Maempel.

**3. Fatti fil-qosor tal-kaz**

F'xi zmien matul is-sena 1991, meta r-rikorrent kien jahdem bhala bennej, kien ceda cint bih u waqa' minn gholi ta' madwar seba' filati. Wara li ghaddew xi sitt xhur beda, kull tant, ihoss ugigh f'dahru.

Ghadda z-zmien, u fl-1993 kien riferit mit-tabib kuranti tieghu lid-Dipartimenti tal-Ortopedija u n-Newrologja fl-Isptar San Luqa ghal ezamijiet esploratorji, li minnhom irrizulta li ma kien hemm ebda hsara fizika.

Fl-1994 rega' kien riferit lid-Dipartiment tan-Newrologija fl-Isptar San Luqa, ghal aktar ezamijiet esploratorji rigwardanti t-tkomplija ta' ugigh fid- dahar, fosthom *CT Scan.* Ghat-tieni darba ma rrizultat ebda hsara fizika.

Fl-1997, minhabba li l-ugigh fid-dahar kompla, ghat-tielet darba rega' kien riferit lid-Dipartiment tan-Newrologija fl-Isptar San Luqa. Minkejja li ghal darb' ohra rrizulta li ma kienx hemm hsara fizika, it-tobba rrakkomandawlu biex jevita x-xoghol strapazzanti minhabba li dak iz-zmien kien ghadu jahdem fil-barriera. Ma jirrizultax kemm kien it-tul ta' zmien li ghalieh saret ir-rakkomandazzjoni ta' xoghol *light duty.*

Fis-sena 2000, wara ezami mediku mit-tabib tal-kumpaniji intimati, bazat fuq kwestjonarju u dikjarazzjoni ffirmata, li r-rikorrent iddiskuta mat-tabib kuranti tieghu, ir-rikorrent kien offrut u accetta impjieg fil-kariga ta' *Equipment Operator.* Il-kumpaniji intimati jikkontendu li r-rikorrent ghamel dikjarazzjoni falza lit-tabib kuranti tieghu, ghaliex ma gharrfux bl-incident ta' l-1991 meta ceda cint bih waqt li kien jahdem ta' bennej u bir-riferti li kellu ghall-Isptar San Luqa minhabba ugigh fid-dahar.

Fis-sena 2001 ir-rikorrent kien talab li jieqaf milli jkompli t-tahrig li kien beda ghal *Quayside Crane Operator*. Ir-rikorrent stqarr li din it-talba kien ghamilha minhabba xi diffikultajiet li kellu biex jikkomunika ma' l-impjegati li jiddiriegu l-process tal-hatt u tat-taghbija mill-art, fil-waqt li l-Frank X. Azzopardi stqarr li t-talba kienet minhabba ugigh li kien ihoss f'daharu. Matul din is-sena r-rikorrent ghamel uzu minn hamest ijiem leave minhabba mard.

Skond dokumenti pprezentati waqt is-smigh tal-kaz, matul is-sena 2002 ir-rikorrent ghamel uzu minn sitt ijiem leave, matul is-sena 2003 ghamel uzu minn tliet ijiem leave, u matul is-sena 2004 ghamel uzu minn sitt ijiem leave, kollha minhabba mard.

F'Dicembru 2005, waqt li kien qieghed jivvjagga f'karozza tal-kumpaniji intimati fuq il-lant tax-xoghol, din ghaddiet minn hofra u r-rikorrent ha skoss f'daharu. Dan l-incident kien irrappurtat u jidher fir-rekords tal-kumpaniji intimati. Mill-ezamijiet li saru fil-klinika tal-kumpaniji intimati, jidher li r-rikorrent ma sofra ebda hsara. Matul din is-sena r-rikorrent ghamel uzu minn hamest ijiem leave minhabba korriment fuq il-lant tax-xoghol.

Fi Frar 2006, fil-waqt li kien qiegħed jaħdem fuq *Quay Crane*, seħħ incident ieħor li rriżulta fi skoss fuq id-dahar tar-rikorrent.  Dan l-incident kien ukoll irrappurtat u jidher fir-rekords tal-kumpaniji intimati. Mill-eżamijiet li saru fil-klinika tal-kumpaniji intimati, jidher li r-rikorrent ma sofra ebda ħsara. Wara ġimgħa assenti b'certifikat ta' korriment, daħal lura għax-xogħol, u fuq talba tiegħu stess, il-kumpaniji intimati serrħuh għal xi żmien mix-xogħol fuq *Quay Cranes.*

Bejn Lulju u Novembru 2006, fuq parir tat-tabib tal-kumpaniji intimati, ir-rikorrent, bħala miżura prekawzjonarja, kien sospiż milli jattendi għax-xogħol għal erbatax-il ġimgħa, li matulhom, għalkemm hu kien jgħid li seta jattendi għax-xogħol, it-tabib tal-kumpaniji intimati kien jiccertifikah li kien isofri minn *lumbago.* Dan kollu seħħ sakemm jinkiseb parir mediku minn specjalista ta' l-Ortopedija magħżul mill-kumpaniji intimati. Ir-riferenza lill-ispecjalista ta' l-Ortopedija saret mit-tabib tal-kumpaniji intimati, Pierre Chircop, f'Settembru 2006.

F'Ottubru 2006 l-ispecjalista ta' l-Ortopedija, għamel ir-rapport tiegħu u ccertifika li r-rikorrent ma kellu ebda ħsara fiżika f'daharu li kienet rilevanti għax-xogħol li jagħmel bħala *Equipment Operator* u seta' jkompli jagħmel xogħlu. Fl-20 ta' Novembru 2006 it-tabib tal-kumpaniji intimati Godwin Farrugia, iccertifikah tajjeb għax-xogħol u rega' beda jaħdem. Fi Frar 2007, għal raġunijiet li jidhru f'ittra mingħajr data, il-kumpaniji intimati ddeċidew li jtemmu l-impjieg tar-rikorrent.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Dr. Ray Sacco xehed għar-rikorrent. Ir-rikorrent xehed għall-kawża tiegħu.

4.2 Frank X Azzopardi, it-tabiba Christa Calleja, it-tabib Pierre Chircop u John Portelli xehdu għall-kumpaniji intimati.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa

5.1.1 l-istqarrija tal-każ
5.1.2 kopja ta' l-ittra tal-ħatra fl-impjieg, datata 14.02.00, immarkata Dok. JS1
5.1.3 formola tat-temma ta' l-impjieg mingħajr data, immarkata Dok. JS2,
5.1.4 formola bit-titlu *Pre-Employment Health Questionaire* datata 09.12.99, immarkata Dok. JS3
5.1.5 ittra tat-temma ta' l-impjieg maħruġa mill-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Taħriġ datata 20.02.07, immarkata Dok. JS4
5.1.6 certifikat ta' korriment datat 07.02.06, immarkat Dok. GA/JS1

5.2 Il-kumpaniji intimati esebew

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz
5.2.2 kopja ta' l-applikazzjoni ghall-impjieg tar-rikorrent 05.06.99, immarkata Dok.F1
5.2.3 formola bit-titlu *Pre-Employment Health Questionaire* datata 09.12.99, immarkata Dok. F2. Din kienet l-istess bhal Dok. JS3
5.2.4 kopja ta' l-ittra tal-hatra fl-impjieg, datata 14.02.00, immarkata Dok F3. Din kienet l-istess bhal JS1
5.2.5 zewg ittri mibghuta mit-tabib Pierre Chircop lill-Ispecjalista ta' l-Ortopedija Massimo Abela datati 15.09.06 u 22.09.06, immarkati Dok. F4a u F4b
5.2.6 dikjarazzjoni li r-rikorrent ghamel lill-Ispecjalista Massimo Abela datata 12.10.06, immarkata F4c
5.2.7 ittra mibghuta mill-Ispecjalista Massimo Abela lit-tabib Pierre Chircop datata 14.12.06, immarkata F4d
5.2.8 ittra tar-rikorrent mibghuta lil Frank X. Azzopardi datata 19.09.01, immarkata F5
5.2.9 sensiela ta' certifikati medici b'dati mhux konsekuttivi ghaz-zmien bejn Dicembru 2000, u Awwissu 2006, immarkati F6a sa F6h.
5.2.10 sensiela ta' certifikati b'dati konsekuttivi gimgha wara l-ohra immarkati Dok. F6i(i) sa F6i(xiv)
5.2.11 ittra mibghuta minn Frank X. Azzopardi lir-rikorrent, datata 10.03.05, immarkata F7
5.2.12 ittra mibghuta mill-Kap Ezekuttiv tal-kumpaniji intimati lir-rikorrent minghajr data, immarkata Dok. F8
5.2.13 kopja ta' rapport dwar incident fuq il-lant tax-xoghol datat 11.12.05, immarkat Dok. F9a.
5.2.14 rapport tad-Dipartiment tas-Sigurezza tal-kumpaniji initimati dwar incident fuq il-lant tax-xoghol datat 06.02.06, immarkat Dok. F9b(i), flimkien ma kopja ta rapport iehor dwar l-istess incident b'data zbaljata, minghand in-Nurse tal-klinika tal-kumpaniji intimati, immarkat Dok. 9b(ii)
5.2.15 formola tal-Korporazzjoni dwar l-Impjiegi u Tahrig minghajr data, rigwardanti t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent, immarkata Dok.F10
5.2.16 dikjarazzjoni rigwardanti s-sahha tar-rikorrent mit-tabib Pierre Chircop datata 14.12.99, immarkata F11
5.2.17 formola tat-taxxa FS3 rigwardanti id-dhul tar-rikorrent ghas-sena li ghalqet f'Dicembru 2006, immarkata Dok. F12
5.2.18 kopja ta' rapport dwar incident fuq il-lant tax-xoghol datat 06.02.06, immarkat Dok. F13.

5.2.19 rapport tad-Dipartiment tas-Sigurezza tal-kumpaniji intimati fuq formula preskritta dwar incident fuq il-lant tax-xoghol datat 06.02.06, immarkat F14.

5.2.20 certifikat tal-mard datat 04.07.06, immarkat FXA1.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **John Portelli** stqarr li qabel ma jkun offrut impjieg, kull applikant ikun mitlub jattendi ghand it-tabib kuranti tieghu biex flimkien jimlew kwestjonarju mediku dwar l-istorja medika u l-istat ta' sahha ta' l-applikant. Fl-istess waqt l-applikant jiffirma dikjarazzjoni dwar l-istess kwestjonarju. Din id-dikjarazzjoni tinkludi accettazzjoni ta' mizuri f'kaz li jirrizulta li ma tkunx veritarja. Fost il-mizuri li jistghu jittiehdu hemm inkluza dik ta' temma ta' l-impjieg. Dan kollu jsir biex jghin lit-tabib tal-kumpaniji intimati jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti lill-kumpaniji intimati rigwardanti l-impjieg. John Portelli kompla jghid li fir-rigward tar-rikorrent l-unika twegiba IVA fil-kwestjonarju kienet rigwardanti storja ta' kundizzjoni ta' pressjoni gholja fil-familja. John Portelli kompla jghid li bejn is-snin 2000 u 2006, l-assenza minhabba mard tar-rikorrent kienet aktar mill-medja u minhabba f'hekk it-tabib tal-kumpaniji intimati, Pierre Chircop, irrefera l-kaz lill-Ispecjalista ta' l-Ortopedija fl-Isptar San Luqa, Massimo Abela, kitiblu l-istorja kollha rigwardanti c-certifikati kollha tal-mard tar-rikorrent ghaz-zmien bejn l-2000 u l-2006, spjegalu x-xoghol tar-rikorrent u x'kien mistenni minnu, u talbu jezamina lir-rikorrent u jghidlu, jekk fil-fehma professjonali tieghu, ir-rikorrent kienx kapaci jaghmel ix-xoghol tieghu ta' *Crane Operator*. John Portelli zied jghid li kien biss meta wasal ir-rapport ta' l-ispecjalista, li l-kumpaniji intimati saru jafu bl-incident li kien sofra r-rikorrent qabel ma kien offrut impjieg mill-kumpaniji intimati. John Portelli emfasizza li, li kieku l-kumpaniji intimati kienu jafu bl-incident ma kinux joffrulu impjieg bhala *Crane Operator*. John Portelli kkonferma li d-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg kienet tieghu, wara konsultazzjoni mad-Direttur Manigerjali, u li biex waslu ghad-decizjoni, l-kumpaniji intimati strahu fuq l-allegat fatt li r-rikorrent naqas li jikteb il-verita dwar l-istat ta' sahhtu fil-kwestjonarju, flimkien ma' l-istorja twila ta' assenza waqt l-impjieg minhabba mard. John Portelli kompla jghid li ghalkemm l-ispecjalista ccertifika lir-rikorrent li kien tajjeb biex jaghmel ix-xoghol kollu normali ta' *Crane Operator*, il-fatti kienu juru li jekk jiehu xi skoss, ir-rikorrent kien mill-ewwel jugghu dahru. John Portelli kkonkluda x-xhieda tieghu billi kkonferma li bejn is-snin 2000 u 2006, waqt li kien fl-impjieg mal-kumpaniji intimati, ir-rikorrent kellu tliet incidenti fuq il-lant tax-xoghol li fihom allega li wegga' dahru.

6.2 It-tabiba **Christa Calleja** stqarret li l-arkivji medici ta' l-isptar San Luqa juru li fl-1993 it-tabib kuranti tar-rikorrent kien irreferieh fid-Dipartiment ta' l-Ortopedija fl-Isptar San Luqa wara li kien ilu jsofri minn ugigh f'dahru ghal madwar sentejn wara waqgha. Wara diversi ezamijiet medici li sarulu, inkluz X-Ray, ma rrizultat ebda hsara fizika. Fl-1994 kien ezaminat fid-Dipartiment tan-Newrologija, u wara CT scan u ezaminijiet ohra, rega' rrizulta l-istess. Fl-1997 rega' kien ezaminat minhabba l-istess ilment ta' ugigh fid-dahar, izda ghalkemm ma' rrizulta xejn, inghata parir biex ma jaghmilx xoghol strapazzanti. Fl-2006 rega' kien ezaminat fid-Dipartiment tan-Newrologija, u nghata pilloli tal-cataflan ghall-ugigh.

6.3 **Francis X Azzopardi** stqarr li f'Settembru 2001 ir-rikorrent kien talbu biex jieqaf mit-tahrig fuq il-*Quayside Cranes*, ghaliex kien qieghed jugghu dahru, liema kawza r-rikorrent naqas li jiddikjara bil-miktub meta kiteb it-talba. Aktar tard fuq suggeriment li ghamillu hu stess, ir-rikorrent kien gab 'il quddiem ghal Lulju 2001 ezami mediku maghruf bhala MRI, li kien skedat ghal Ottubru 2001. Ix-xhud kompla jghid li r-rikorrent tnehha minn fuq il-*Quayside Cranes* u beda jopera ohrajn li joperaw fuq *pneumatic tyres.*

6.4 It-tabib tal-kumpaniji intimati **Pierre Chircop** stqarr li hu ilu jaghti servizz lill-kumpaniji intimati sa mit-twaqqif taghhom fl-1989, u spjega dak kollu li jsir fil-process ta' reklutagg. It-tabib Pierre Chircop spjega li kull applikant jattendi ghand it-tabib kuranti tieghu biex jimtela kwestjonarju mediku li jservi bhala bazi ta' taghrif ghat-tkomplija tal-process. Jekk it-twegibiet li jitnizzlu fil-kwestjonarju jkunu indikattivi ghal xi kundizzjoni medika, allura l-ezamijiet li jigu wara, minbarra dawk ta' natura generali, jiffukaw fuq il-kundizzjoni indikata. Fil-kaz li ma jkun hemm ebda indikazzjoni ta' xi kundizzjoni medika, allura l-ezamijiet ta' wara jkunu ta' natura generali biss. Fil-kaz tar-rikorrent l-unika indikazzjoni ta' xi kundizzjoni kienet l-istorja ta' pressjoni gholja fil-familja. Din il-kundizzjoni kienet investigata ghaliex tifforma parti mill-ezami generali. It-tabib Pierre Chircop stqarr li ma jiftakarx jekk ikkonsultax mat-tabib kuranti tar-rikorrent dwar il-kwestjonarju jew xi haga ohra, u galadarba ma kien hemm ebda kundizzjoni medika indikata fil-kwestjonarju, zgur ma ezaminax ir-rekords medici ta' l-Isptar San Luqa. Minhabba li mill-ezami mediku generali ma rrizulta xejn negattiv, hu hareg certifikat nadif bazat fuq l-ezami li ghamel u d-dikjarazzjoni tar-rikorrent. Xi zmien matul is-sena 2006 kien mgharraf mill-kumpaniji intimati rigward l-ammont allegatament eccessiv minhabba mard li r-rikorrent kellu, u ddecieda li jirreferi l-kaz lill-ispecjalista Ortopediku fl-Isptar San Luqa. Fil-frattemp hu qal lir-rikorrent biex ma jattendix aktar ghax-xoghol sakemm ikollu r-rizultat ta' l-Ispecjalista.

Wara t-tieni digriet li ta t-Tribunal Industrijali, it-tabib Pierre Chircop stqarr li r-riferenza tar-rikorrent li hu kien ghamel lill-ispecjalista Massimo Abela kienet bazata fuq dak li sehh wara l-incident ta' Frar 2006, u kienet tinkludi zewg certifkati tat-tobba Zrinzo u Vandervaalt, kif ukoll l-istorja kollha ta' assenza minhabba mard tul l-impjieg kollu tieghu mal-kumpaniji intimati. Hu zied jghid li s-sensiela ta' certifikati ta' kull gimgha bejn il-11.08.06 u l-20.11.06, kienu rilaxxati mit-tabib tal-kumpaniji intimati biex ikopru z-zmien bejn meta hu stess ordna lir-rikorrent biex ma jattendix ghax-xoghol sakemm jinkiseb parir minghand il-konsulent Massimo Abela.

6.5 It-tabib **Ray Sacco** stqarr li hu t-tabib kuranti tal-familja tar-rikorrent u li l-kwestjonarju datat 09.12.99 riferenza JS3 jgib il-firma u t-timbru tieghu. It-tabib Ray Sacco kompla jistqarr li qabel il-vizta li matulha mlew il-kwestjonarju flimkien, kien ilu jaf lir-rikorrent madwar sentejn. Matul dawn is-sentejn, hu rah biss xi darbtejn minhabba influwenza u ugigh fil-grizmejn, qatt dwar dahru. Ghaldaqstant il-kontenut tal-kwestjonarju jirrifletti it-twegibiet li tah ir-rikorrent kif wkoll dak kollu li kien jaf dwar sahhtu hu, bhala t-tabib kuranti tieghu. Ix-xhud kompla li kien hemm zmien meta r-rikorrent kien qallu li kien waqa', li wara din il-waqgha beda jugghu dahru, li ghamel ezamijiet estensivi ta' dahru u li r-rizultati kienu negattivi rigwardanti xi hsara f'daharu, izda ma setax jiftakar jekk dan it-taghrif inghatalux qabel, waqt, jew f'xi okkazjoni ohra wara li mtela l-kwestjonarju. Ix-xhud lanqas ma seta' jiftakar jekk kienx ezamina d-dokumenti medici tar-rikorrent fl-Isptar San Luqa u jekk kienx iddiskuta l-istat ta' sahha tar-rikorrent, mat-tabib tal-kumpaniji intimati qabel ma kien offrut impjieg. It-tabib Ray Sacco stqarr li fl-ewwel taqsima tieghu, il-kwestjonarju jitlob twegiba dwar korriment u mhux dwar ugigh fid-dahar. It-tabib Ray Sacco kkonkluda x-xhieda tieghu billi stqarr li mhux kull riferenza ghand specjalista tfisser li jkun hemm xi kundizzjoni serja. Xi drabi din titlob biss opinjoni dwar il-korrettezza tal-kura li tkun qed tinghata.

6.6 Ir-rikorrent **John Sammut** ikkonferma bil-gurament id-dikjarazzjoni tal-kaz u d-dokumenti kollha esebiti maghha. Ix-xhud stqarr li wara l-incident li kellu meta ceda cint bih, hu kien jahdem ma' missieru u hutu fil-barriera, fejn kien jaghmel xoghol amministrattiv, isuq it-trukkijiet u l-gafef u jerfa' l-gebel. Ghadda z-zmien u minhabba nuqqas ta' xoghol, il-barriera nghalqet u hu beda jirregistra biex ifittex jahdem. Meta ltaqa' mat-tabib kuranti tieghu biex jimtela l-kwestjonarju, kien gharrfu bl-incident li kellu, bl-ezamijiet medici kollha li kien ghamel u bil-fatti li r-rizultaw mill-ezamijiet medici, li kollha kienu jikkonfermaw li ma kellu ebda hsara fizika f'dahru. Wara li mtela l-kwestjonarju, hu attenda ghand it-tabib tal-kumpaniji

intimati u kien ezaminat minnu qabel ma kien offrut impjieg. Meta beda jahdem mal-kumpaniji intimati, beda jinghata tahrig u gradatament beda jibdel minn fuq taghmir ghal fuq iehor sakemm spicca jopera l-krejnijiet il-kbar mal-moll. John Sammut stqarr li meta f'Dicembru 2001 kien talab biex jieqaf mit-tahrig fuq il-krejnijiet mal-moll, ghamel hekk ghaliex ma kellux ghajnuna minghand l-iskrivani li kienu jiddiriguh mill-art biex jippostja t-taghbija mdendla. It-tieni darba li kien talab biex jinghata zmien jistrieh minn fuq il-krejn mal-moll, kien wara l-incident li sehh fi Frar 2006, meta l-bidla damet biss gimgha. Xi zmien wara kien assenjat biex jopera krejnijiet RPG. Wara li kien ilhu madwar xahar kien avvicinat minn John Visanic li ordnalu biex imur id-dar u jgib certifikati tal-mard minghand it-tabib tal-kumpaniji intimati sakemm ikun mgharraf mod iehor. Fl-istess waqt kien gharraf b'dak li sehh lil Antoine Azzopardi, ufficjal tal-Union Haddiema Maghqudin. Meta miet Antoine Azzopardi kompla jghinu Gejtu Vella. Minkejja li kien imur ghand il-Union kull gimgha, qatt ma kien sodisfatt, ghaliex ma kien hemm progress ta' xejn dwar it-talba tieghu biex jerga' jidhol lura ghax-xoghol. Meta cempel biex ikellem lil Frank X Azzopardi kien mgharraf mis-segretarja li ma setax ikellmu ghaliex kien f'laqgha. Ghadda ftit taz-zmien, u kif kien ordnat attenda ghand l-ispecjalista tal-kumpaniji intimati, li ghamillu ezami mediku estensiv. Xi zmien wara kien kellmu John Portelli u gibidlu l-attenzjoni dwar l-allegat fatt li fil-kwestjonarju kien ghamel dikjarazzjoni falza.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Joe Zammit Maempel f'isem il-kumpaniji intimati stqarr li

- meta r-rikorrent ippartecipa mat-tabib kuranti tieghu Ray Sacco, biex jimtela l-kwestjonarju, naqas li jiddikjara li fl-1991 kien ceda cint bih u li waqa' minn gholi ta' madwar seba' filati. Ghaldaqstant naqas li jaghti taghrif preciz mitlub fil-kwestjonarju dwar l-istorja ta' sahhtu.
- minhabba din il-mankanza fil-kwestjonarju, l-ezami mediku tal-kumpaniji intimati kien limitat ghal wiehed normali, ghaliex ma kien hemm xejn x'jindika l-htiega ta' ezami mahsub biex jinvestiga xi kundizzjoni partikulari indikata fil-kwestjonarju
- irrizulta mill-provi li, xi sitt xhur wara l-incident li sehh fl-1991, ir-rikorrent kien riferit mit-tabib kuranti tieghu lid-Dipartimenti ta' l-Ortopedija u n-Newrologja fl-Isptar San Luqa ghal ezamijiet esploratorji. Ghalkemm minn dawn l-ezamijiet ma rrizultat ebda hsara dejjiema f'dahru, hu nghata preskrizzjoni ghal pilloli biex itaffu l-ugigh li kellu. Wara li ghadda aktar zmien, u rega' kien riferit fl-Isptar San Luqa, inghata parir

biex ma jaghmilx aktar xoghol strapazzanti, u minhabba f'hekk ma kompliex jahdem fil-barriera ma' missieru

- jirrizulta wkoll mill-provi li, wara l-incident ta' Frar 2006, ir-rikorrent fittex l-opinjoni ta' mill-anqas zewg specjalisti fin-Newrologija. Jidher li bidel minn wiehed ghall-ohra ghaliex id-dijanjozi ta' l-ewwel ma ghogbitux. Dan gara probabbilment minhabba li l-ewwel din kienet tindika kundizzjoni, u allura mar ghand it-tieni bit-tama li jkollu rizultat differenti
- minhabba li x-xoghol ta' l-operat ta' krejnijiet, fih innifsu, hu xoghol strapazzanti, il-kundizzjoni li kellu, u li minhabba fiha inghata parir biex ma jaghmilx xoghol strapazzanti-kundizzjoni li naqas li jiddikjara fil-kwestjonarju-holqot problemi kbar ghall-kumpaniji intimati

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal Industrijali ghandu jsib favur id-decizjoni tal-kumpaniji intimati li jtemmu l-impjieg tar-rikorrent ghar-ragunijiet moghtija.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat George Abela f'isem ir-rikorrent stqarr li

- il-kumpaniji intimati ddikjaraw bil-miktub zewg ragunijiet distinti minn xulxin ghat-temma ta' l-impjieg. Fid-dokument JS4 ir-raguni li nghatat kienet *"for health reasons".* Jekk il-kaz hu hekk, il-kumpaniji intimati ma setghux ikeccu impjegat minhabba raguni ta' sahha jew korriment. Kulma setghu jaghmlu l-kumpaniji intimati kien li jinvokaw il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv rigwardanti l-invalidar mill-impjieg. Biex isahhah dan l-argument, l-Avukat George Abela ghamel riferenza ghal decizjoni tat-Tribunal Industrijali diversament presjedut, u wkoll l-artiklu rilevanti tal-Kapitli 452 tal-ligijiet ta' Malta. Fid-dokument JS2 il-kumpaniji intimati ddikjaraw li r-raguni ghat-temma ta' l-impjieg kienet id-dikjarazzjoni falza, li r-rikorrent ghamel, kif riflessa fil-kwestjonarju. Jekk il-kaz hu hekk, kulma setghu jaghmlu l-kumpaniji intimati kien li jinvokaw il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, rigwardanti l-process tad-dixxiplina, fejn ir-rikorrent kien ikollu l-opportunita' jiddefendi lilhu nnifsu.
- kif jirrizulta mill-provi, meta waqt il-partecipazzjoni tieghu fil-mili tal-kwestjonarju, ir-rikorrent kien mistoqsi mit-tabib kuranti tieghu, jekk ibatix minn ugigh f'dahru, hu wiegbu li, fl-1991, kien ceda cint bieh ghamel xi zmien b'ugigh f'dahru, u kien riferit fl-Isptar ta' San Luqa, fejn sarulu diversi ezamijiet medici, li minnhom irrizulta li ma kellu ebda hsara fizika. Minhabba kif iddikjara t-tabib kuranti Ray Sacco stess, dak

iz-zmien ir-rikorrent ma kellux sintomi aktar ta' ugigh fid-dahar, hu ddecieda li l-incident ma kienx rilevanti, u nizzel LE ghaz-zewg mistoqsijiet applikabbli fil-kwestjonarju. Ir-raguni ghal din il-konkluzjoni tat-tabib Ray Sacco kienet minhabba li l-kwestjonarju jitlob twegibiet ghall-mistoqsijiet jekk fil-prezent kellux *"severe back pain"* u ghal *"back injury"*

- ix-xhieda ta' Frank X. Azzopardi meta qal li fis-sena 2001, ir-rikorrent kien talbu biex ma jkomplix it-tahrig fuq *Quay Cranes* minhabba ugigh f'daharu, kienet kontradetta mir-rikorrent meta stqarr li r-raguni li kien ta biex ma jkomplix it-tahrig fuq *Quay Cranes* kienet minhabba nuqqas ta' komunika effettiva bejnu u l-iskrivani li jassistuh mill-art fuq xoghlu. Jekk wiehed jemmen il-verzjoni tal-kumpaniji intimati, allura wiehed ikollu jistaqsi jekk fl-2001, il-kumpaniji intimati kienu konsapevoli ghac-cirkustanzi msemmija, ghaliex ma ttiehditx azzjoni dak iz-zmien?
- f'Settembru 2006, il-kumpaniji intimati rriferew il-kaz lill-ispecjalista Ortopediku b'dettalji precizi dwar l-istorja ta' assenza minhabba mard matul l-impjieg kollu, bid-dettalji ta' l-incidenti li sehhew fuq il-lant tax-xoghol, kif ukoll b'deskrizzjoni tax-xoghol mistenni minghand ir-rikorrent, u talbuh jaghti l-opinjoni indipendenti tieghu dwar jekk l-istat ta' sahha tar-rikorrent kienx jippermetti li jkompli jaqdi dmirijietu kollha.
- wara ezami ta' l-istorja medika fl-Isptar San Luqa, u ezami mediku li hu stess ghamel tar-rikorrent, ezami imfassal biex jissodisfa d-dubji espressi fl-ittra tat-tabib tal-kumpaniji intimati Pierre Chircop, l-ispecjalista Massimo Abela ddikjara li r-rikorrent seta' jaghmel ix-xoghol kollu li kien impjegat ghalih
- tinghazel liema raguni tinghazel biex ikun deciz ghaliex kien mitmum l-impjieg tar-rikorrent, wiehed ikollu jikkonkludi li l-kumpaniji initimati ghazlu metodu zbaljat biex jintemm l-impjieg tar-rikorrent. Dan ghaliex, skond il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv, ir-rikorrent kellu jigi jew invalidat jew dixxiplinat. Fil-kaz ta' dixxiplina, jekk jinstab hati, il-penali ssegwi l-process.

Fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal Industrijali ghandu jsib li d-decizjoni tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrent ghar-ragunijiet moghtija ma kinitx ghal raguni tajba u bizzejjed u jordna, jew li, r-rikorrent ikompli fl-impjieg minghajr telf ta' beneficcji, jew li jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Fil-kunsiderazzjonijiet tieghu biex jasal ghal decizjoni gusta, u minhabba li waqt it-trattazzjonijiet ssemmew verzjonijiet diversi ghar-raguni tat-temma ta' l-impjieg, u saru xi kwotazzjonijiet zbaljati ta' xi xhieda, it-Tribunal Industrijali jehtieg li, fl-ewwel kaz jiddikjara x'kienet ir-raguni tal-kumpaniji intimati ghat-temma ta' l-impjieg li ser tiggwidah fil-kunsiderazzjonijiet tieghu. Fit-tieni kaz jehtieg li t-Tribunal Industrijali jindika fejn, fit-trattazzjonij tal-partijiet, inbnew argumenti fuq xhieda li ma kinitx ikkwotata b'mod korrett.

8.1.1 Ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg

Ir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg li ser tiggwida lit-Tribunal Industrijali fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, tinsab fl-ittra minghajr data li ntbaghtet mid-Direttur Manigerjali lir-rikorrent. F'din l-ittra d-Direttur Manigerjali gharraf lir-rikorrent b'hames ragunijiet ghaliex il-kumpaniji intimati ddecidew li jtemmu l-impjieg. Analizi u gabra ta' dawn ir-ragunijiet tindika li t-temma ta' l-impieg saret minhabba allegata dikjarazzjoni falza fil-kwestjonarju u wkoll minhabba allegata inkompatibilita' bejn l-istat ta' sahhtu u xoghlu. Ir-raguni ma kinitx wahda jew l-ohra, izda kienu t-tnejn flimkien.

8.1.2 Kwotazzjonijiet skorretti ta' xhieda

- Ir-rikorrent kellu incident fl-1991, disa snin qabel l-impjieg tieghu mal-kumpaniji intimati. L-ewwel sensiela ta' ezamijiet medici biex ikun investigat l-ugigh persistenti f'dahru, saritlu fl-1993, it-tieni sensiela fl-1994, it-tielet sensiela fl-1997, kollha fl-Isptar San Luqa, ir-raba' sensiela f'xi zmien bejn Awwissu u Settembru 2006, miz-zewg specjalisti Zrinzo u Vanderlaat, mhux indikat fejn, u l-hames sensiela f'Ottubru 2007 mill-Ispecjalista Massimo Abela. Fl-ewwel tliet sensieliet ta' ezamijiet medici r-rizultati kienu fil-limiti normali, izda ghal xi raguni mhux maghrufa, wara t-tielet sensiela t-tobba rrakkomandaw li hu jevita xoghol strapazzanti. Ma jirrizultax li inghata xi terminu ta' zmien biex ir-rikorrent jevita xoghol strapazzanti, izda n-nuqqas ta' terminu mhux bil-fors ifisser li r-rakkomandazzjoni kienet ghal dejjem.
- Ir-rikorrent xehed li waqaf mix-xoghol fil-barriera tal-gebel fl-1999, ghaliex naqas ix-xoghol u beda jirregistra ghax-xoghol. Ma jirrizultax mix-xhieda li hu waqaf mix-xoghol fil-barriera tal-gebel fl-1997 meta t-tobba rrakkomandawlu biex jevita xoghol strapazzanti.

- Wara l-incident ta’ Frar 2006, u wara li kien sospiz mix-xoghol ghal zmien twil, ir-rikorrent, fuq suggeriment tar-rapprezentant tal-Union tieghu, mar ghand l-ispecjalista Zrinzo. Skond ir-rikorrent, wara ezami mediku dan gharrfu li m’ghandu xejn. Jidher li r-rikorrent ma kienx kuntent b’dak li qallu l-ispecjalista ghaliex ma ghamillux l-ezami ta’ l-MRI, u mhux ghaliex qallu li kellu xi kundizzjoni fizika u ma ghogbitux id-dijanjosi. Minhabba li skond kif xehed ma sarlux l-ezami ta’ MRI, ir-rikorrent mar ghand l-ispecjalista Vanderlaat. Din ghamliltu l-MRI, qaltlu li ghandu bidu ta’ *slipped disc*, izda mhux gravi bizzejjed biex ikun operat, u qaghad fuqha.
- Ghalkemm jirrizulta mid-dokument F4a, li l-kumpaniji intimati kellhom ir-rizultati ta’ dawn iz-zewg specjalisti, dawn ma ngibux bhala prova. Ma jistax ikun li minn dawn iz-zewg ezamijiet kien hemm xi dijanjosi gravi, ghaliex madwar xahar wara, l-Ispecjalista Massimo Abela , li rcieva z-zewg rapporti u ezamina lir-rikorrent, stqarr li l-kundizzjoni li rrizultat fid-dijanjosi ta’ l-ispecjalista Vanderlaat kienet ittrattatha b’succes b’kura konservattiva.
- It-talba fl-2001 li r-rikorrent ghamel l-ewwel bil-fomm lil Joe Bugeja u immedjatament wara bil-miktub lill-Frank X. Azzopardi, ma setatx kienet ghaliex kien qieghed jugghu daharu. Dan qieghed jinghad ghaliex kieku l-kumpaniji intimati ma kienux jippermettu lir-rikorrent jaghmel erba’ snin ohra jopera *Quay Crane*. It-talba bil-fomm li ghamel ir-rikorrent fl-2006 lil Frank X. Azzopardi, biex jistrieh ghal xi zmien mill-operat tal-*Quay Cranes* minhabba l-ugiegh f’daharu saret wara l-incident ta’ Frar 2006. Waqt it-trattazzjoni l-argument li nbena mill-kumpaniji intimati fuq dawn il-fatti jidher li ma ghamilx distinzjoni bejn dawn iz-zewg avvenimenti.

8.1.3 Fatti li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali biex jasal ghal decizjoni gusta.

- Il-mistoqsijiet li hemm fl-ewwel taqsima tal-kwestjonarju jidhru taht it-titlu *“TO THE BEST OF YOUR KNOWLEDGE AND BELIEF HAVE YOU EVER BEEN TREATED FOR OR EVER HAD INDICATION OF”.* Fil-fehma tat-Tribunal Industrijali, l-ghazla tal-kaxxi IVA jew LE tal-kwestjonarju, ghall-inqas fil-kaxxi in linja mal-frazi *“Severe pain in back or neck”* kellha tkun IVA. Dan ghaliex kuntrarju ghax-xhieda tat-tabib kuranti Ray Sacco, it-twegiba ma kinitx tiddependi minn jekk ir-

rikorrent kellux sintomi fil-mument meta tkellmu biex jimtela l-kwestjonarju. Is-sensiela ta’ riferti li r-rikorrent kellu ghall-Isptar San Luqa u li bdew fl-1993 originaw minn ugigh fid-dahar li kien qieghed isofri, u l-kura li inghata, ghalkemm ma kinitx biex tissewwa hsara permanenti, kienet biex tehilsu mill-ugigh. Kien nuqqas tat-tabib Ray Sacco li fi kliemu stess, interpreta hazin dak mitlub fil-kwestjonarju.

- Ghalkemm ir-rikorrent stqarr li hu kien gharraf lit-tabib kuranti tieghu bl-incident, it-tabib Ray Sacco fil-bidu tax-xhieda tieghu, ftakar li r-rikorrent kien gharrfu bl-incident, meta waqa’ cint bih, izda ma setax jiftakar jekk qallux qabel, waqt, jew f’xi zmien wara li mtela l-kwestjonarju. Izda fi tmiem ix-xhieda tieghu t-tabib Ray Sacco xehed b’konvinzjoni li ma kienx jaf li fl-1997 kien hemm rakkomandazzjoni mit-tobba ta’ l-isptar biex ir-rikorrent jevita xoghol strapazzanti. Kienet ir-responsabbilta’ tar-rikorrent li jgharrfu b’din ir-rakkomandazzjoni. Jekk wiehed jemmen lir-rikorrent li hu gharraf lit-tabib kuranti tieghu, almenu waqt il-mili’ tal-kwestjonarju bl-incident li kien garrab, u jemmen ukoll lit-tabib kuranti tieghu li ma kienx jaf bir-rakkomandazzjoni biex ikun evitat xoghol strapazzanti, wiehed ma jistax ma jikkonkludix li t-taghrif li r-rikorrent ta lit-tabib kuranti tieghu Ray Sacco ma kienx komplut. Dan kien nuqqas tar-rikorrent, li flimkien ma dak tat-tabib kuranti tieghu pingew stampa sfukata ta’ l-istorja ta’ sahhet ir-rikorrent.
- it-twegiba tar-rikorrent ghall-mistoqsija li saritlu mill-konsulent legali tal-kumpaniji intimati, li f’xi stadju waqt il-laqgha ta’ konciljazzjoni cahad li kellu xi incident li waqa’ cint bih, ma kienet xejn konvincenti. Dan ghaliex fil-waqt li r-rikorrent kien kapaci jiftakar b’konvinzjoni li f’Dicembru 1999 kien gharraf lit-tabib kuranti tieghu bl-incident, ma kienx kapaci jiftakar bl-istess konvinzjoni x’qal quddiem id-Direttur tad-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi kmieni fl-2007. It-Tribunal Industrijali ma jistax ma jirrimarkax li memorja selettiva ta’ din il-kwalita ma tghinx biex issahhah il-kredibilita’ tax-xhud.
- meta l-kumpaniji intimati rriferew il-kaz ghall-opinjoni ta’ l-ispecjalista Massimo Abela, gharrfuh bid-dettalji kollha li kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom dwar sahhet ir-rikorrent u dwar xoghlu. Dawn kienu jinkludu:
    - ic-certifikati ghad-drabi meta hu falla mix-xoghol minhabba mard jew allegat korriment
    - l-incidenti li sehhew fuq il-lant tax-xoghol

- id-dijanjosi li ghamlu l-ispecjalisti Zrinzo u Vanderlaat wara l-incident ta' Frar 2006
  - id-deskrizzjoni tad-doveri tar-rikorrent
- ir-rapport ta' l-ispecjalista Massimo Abela kien jinkludi:
  - ezami tar-rekords ta' l-isptar San Luqa li kienu jmorru lura ghall-1993
  - ezami tar-rapporti taz-zewg specjalisti li ezaminaw lir-rikorrent wara l-incident f'xi zmien bejn Awwissu u Settembru 2006
  - ezami estensiv li ghamel hu stess
- Ghalkemm ic-certifikati ta' l-Ispecjalisti Zrinzo u Vanderlaat ma kinux esebiti, jirrizulta mir-rapport ta' l-ispecjalista Massimo Abela li l-incident ta' Frar 2006 ikkawza bidu ta' *slipped disc*, li qatt ma kienet iccertifikata qabel matul is-sensiela ta' ezamijiet li sarulu. Kundizzjoni li l-ispecjalista Massimo Abela, iccertifika li r-rikorrent fieq minnha kompletament b'kura konservattiva ta' l-ispecjalista Vanderlaat.
- l-ispecjalista Massimo Abela ccertifika minghajr kwalifici li, r-rikorrent seta' jaghmel ix-xoghol kollu ta' *Quay Crane Operator.* Ghaldaqstant it-tieni parti tar-raguni mghotija ghat-temma ta' l-impjieg mill-kumpaniji intimati mhiex sosstnuta mill-Ispecjalista.
- l-istqarrija li ffirma r-rikorrent tghid li *"misrepresentation or omission of any facts called for in this post-offer examination may be cause for rejection or dismissal"* Galadarba d-dikjarazzjoni tghid *may* u mhux *will*, it-Tribunal Industrijali kkonkluda li l-ghazla ta' dan il-kliem saret bil-hsieb li meta taghrif mhux zvelat fil-kwestjonarju jindika ezistenza ta' kundizzjoni fizika li timpedixxi lill-applikant milli jaghmel xoghlu kollu, allura l-kumpaniji intimati jistghu jiddeciedu jew li ma jimpjegawx lill-applikant, jew jekk ikun il-kaz, itemmu l-impjieg jekk isiru jafu wara. Izda jekk jirrizulta li ma tezistix kundizzjoni li timpedixxi l-esekuzzjoni tax-xoghol kollu, allura l-kumpaniji intimati ghandhom id-diskrezzjoni li jzommu l-applikant fl-impjieg.

- F'dan il-kaz, jidher li l-kumpaniji initmati ghazlu li jiskartaw ghal kollox il-konkluzzjoni ta' l-ispecjalista Massimo Abela u temmew l-impjieg tar-rikorrent. Dan ifisser li l-kumpaniji inimati ghamlu applikazzjoni mekkanika tal-provvediment li hemm fid-dikjarazzjoni, meta kien hemm lok car ghal applikazzjoni aktar meqjusa bazata fuq sensitivita' umana.

- Ma jirrizulta minn imkien li r-rikorrent sofra hsara permanenti fuq ix-xoghol li timmerita xi kunsiderazzjoni partikulari mit-Tribunal Industrijali skond il-provvedimenti rilevanti tal-Ligi.
- Ghalkemm ma nharget ebda akkuza dwar l-allegata falsita fil-kwestjonarju u ma kienx hemm process dixxiplinarju kif normalment isir f'kazi simili, jirrizulta li l-kaz kien ittrattat b'mod fejn ir-rikorrent kellu ghajnuna trejdjunjonistika sa quddiem id-Direttur tad-Dipartiment ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi. Kien ikun ta' ghajnuna ghat-Tribunal Industrijali fid-deliberazzjonijiet tieghu kieku xi parti jew ohra esebiet kopja tal-ftehim kollettiv.

## 9. Decizjoni

9.1 It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha jiddeciedi li:

- galadarba, wahda mill-aspetti li tidher fir-raguni ghat-temma ta' l-impjieg dikjarata mill-kumpaniji intimati, kienet kontradetta mill-istess specjalista mqabbad mill-kumpaniji intimati stess, u galadarba d-dikjarazzjoni rilevanti fil-kwestjonarju tippermetti lill-kumpaniji intimati li jaghtu kunsiderazzjoni alternattiva ghat-temma ta' l-impjieg skond ic-cirkustanzi tal-kazi, it-temma ta' l-impjieg, bazata biss fuq applikazzjoni mekkanika tad-dikjarazzjoni rilevanti fil-kwestjonarju, ghalkemm kienet kawza li timmerita kunsiderazzjoni serja mill-kumpaniji intimati ghal passi dixxiplinarji, ma kinitx kawza li tammonta ghal raguni tajba u bizzejjed kif titlob il-ligi.
- jordna lill-kumpaniji intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' erbat elef Liri Maltin (Lm4,000) bhala kumpens ghal tkeccija ingusta. Dan il-hlas ghandu jsir f'hames pagamenti ndaqs u konsekuttivi kull xahar, bl-ewwel pagament isir nhar l-1 ta' Dicembru 2007.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

______________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**